# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju 1999**

**Numru 65**

**Citaz. numru 583/92 DS**

**Paul Gambina noe**
**vs**
**Carmelo Cassar et**

Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited
vs
Carmelo Cassar u b'digriet tal-14 ta' April 1994 stante l-mewt ta' l-istess Carmelo Cassar, Andrew sive Indri Cassar, Joseph Cassar, George Cassar u Marianna mart John Vassallo bhala eredi ta' l-istess Carmelo Cassar bil-beneficcju tal-inventarju

Illum, 4 ta' Gunju 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' April 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

B'kuntratt ippublikat minn-Nutar Patrick Critien fit-3 ta' Awissu 1989, u li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata "Dok. A", Paul Cassar ikkostitwixxa ruhhu bhala cert, veru u likwidu debitu versu l-attur nomine fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u seba u tletin liri maltin (Lm23,237.00,0) flimkien ma l-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament.

L-attur nomine illum jinsab kreditur ta' Paul Cassar fl-ammont ta' sbatax-il-elf seba mija u sitta u sittin liri maltin disa u hamsin centezmi u sitt millezmi (Lm17,766.59,6) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account' tieghu mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Marzu 1992 sad-data tal-effettiv pagament.

B'zewg skritturi privati datati 17 ta' Ottubru 1986 u 11 ta' Marzu 1987, u li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u markati Dok. 'B' u 'C' rispettivament, il-konvenut Carmelo Cassar iggarantixxa 'in solidum' ma Paul Cassar, ghaf-favur tal-Bank of Valletta Limited, id-debiti tal-istess Paul Cassar mal-Bank of Valletta Limited.

Il-konvenut Carmelo Cassar gie interpellat, permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' April 1991, hawn esibita u mmarkata Dok. 'D', sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti.

talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) tikkundannah ihallas "in solidum" ma' Paul Cassar lill-attur nomine s-somma ta' sbatax-il elf seba mija u sitta u sittin liri maltin disa u hamsin centezmi u sitt millezmi (Lm17,766-59,6) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Paul Cassar mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma l-imghaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Marzu 1992 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 1991 u l-imghaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Marzu 1992 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ngunt jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti eredi ta’ Carmelo Cassar fejn qalu:

1. Illi z-zewg skritturi privati ossia garanzija fuq liema l-attur nomine qed jibbaza l-pretenzjonijiet tieghu huma nulli billi ma kienux gew iffirmati minn Carmelo Cassar, (missier l-eccipjenti), u l-firem li jidhru fuq l-iskritturi imsemmija ma humiex il-firem ta' Carmelo Cassar;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, u fi kwalsiasi kaz, il-garanziji huma nulli ukoll ghaliex stipulati minghajr il-kunsens ta' mart Carmelo Cassar illum l-armla tieghu;

3. Illi ghalhekk l-eredita ta' Carmelo Cassar mhix debittrici ghall ebda ammont favur l-attur nomine;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata fil-15 ta’ Settembru 1997 li permezz taghha (1) is-socjeta’ attrici cediet it-talbiet taghha fir-rigward tal-mertu salv il-kap tal-ispejjez, u (2) il-partijiet qablu li ghandha tinghata sentenza fuq l-ispejjez billi dawn jigu decizi bhala bla taxxa bejn l-istess partijiet;

Ghaldaqstant a tenur tan-nota msemmija:

(1) stante cessjoni tal-mertu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kaz, u
(2) tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Grazio Galea
D/Registratur